# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-31 ta' Marzu 2010**

**li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri**

(2010/251/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Irlandiż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN iġġedded għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2006 sad-29 ta' Frar 2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Jannar 2006 ([1]).

(2) B'ittra tat-8 ta' Frar 2010 indirizzata lill-President tal-Kunsill, is-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN ippreżentat ir-riżenja tagħha bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri.

(3) B'segwitu għar-riżenja tagħha, jeħtieġ li jiġi maħtur suċċessur għall-bqija tal-mandat tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Eoin O'SHEA huwa b'dan maħtur membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-bqija tal-mandat tas-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN, li jintemm fid-29 ta' Frar 2012.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PÉREZ RUBALCABA

([1]) ĠU L 22, 26.1.2006, p. 51.